Newspaper Post

żminijietna
lehen ix-xellug

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru.10 APRIL-ĠUNJU 2011 40c

# Iridu jeqirdu Jum il-Ħaddiem




Ir-Riċessjoni Dinija wasslet biex il-Gvernijiet u l-Istituzzjonijiet Ewropej minflok addottaw riformi soċjali biex jimminimizzaw l-impatt, kullma għamlu kien li ntroduċew miżuri ta' awsteritá u miżuri ta' stimolu ekonomiku b'aġenda neo liberali li l-għan hu li jinfetaħ aktar is-suq intern Ewropew. Dana juri li sa llum l-Istituzzjonijiet Kapitalisti ma jridux jaċċettaw telfa u ser jibqgħu għaddejjin bħal *bull dozer* minn fuq kulħadd.

*Tgħid jaslu biex jkissru Jum il-Ħaddiem u sinjifikat tiegħu?*

Il-Komunitá Ewropea għadha ma tgħallmitx li fuq kollox, ir-riċessjoni tindika "sistemi ta' falliment" fil-mudell ekonomiku preżenti. Matul dawn l-aħħar għaxar snin il-politika ta' l-EU kienet ibbażata biss fuq it-twemmin mhux riċerkat u dipendenza eċċessiva fuq il-mekkaniżmi tas-suq ħieles. Il-ġid u l-interess tal-klassi tan-nies tax-xogħol ma għadhiex ta' mportanza fis-suq intern Ewropew.

Li ġara hu, li fejn il-forzi tas-swieq kapitalista tħallew jaħdmu liberament mingħajr ebda mekkaniżmi, nterventi pubbliċi, liġijiet tax-xogħol u ndħil trejdjunjonistiku b'saħħtu, wasslu biex f'ħafna pajjiżi Ewropej żdiedet l-inugwaljanza u l-faqar, tnaqqsu l-impjiegi b'kuntratti fissi u żdiedu dawk b'kuntratti prekarji, żdiedet l-ispekulazzjoni u distribuzzjoni tal-ġid iġġenerat spiċċat biex ħafna minnha tmur f'istituzzjonijiet finanzjarji u bankarji, minflok f'investimenti soċjali u pubbliċi.

Ir-revoluzzjonijiet imnedija mill-ħaddiema u ż-żgħażagħ kontra reġimi fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq ħafna minnhom huma marbuta mal-qgħad, faqar u l-inugwaljanza soċjali li ġabet magħha is-sistema ekonomika kapitalista fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. L-Ewropa lanqas mhi eċċezzjoni, ħafna ħaddiema u żgħażagħ għadhom sa llum jipprotestaw fi toroq ta' l-Ewropa kontra l-politika neoliberali. Fl-Amerika l-istess, diversi stati b'dejn kbir li żgur m'għamluhx il-ħaddiema, qed jippruvaw ikissru s-saħħa tal-ħaddiema u Trejdjunjins billi jbiddlu l-liġi tax-xogħol biex il-ftehim kollettiv jiġi abolit.

Hija diżonestá politika kull min jippruva jorbot il-kunċett ta' Ewropa Soċjali mall-ħolqien biss ta'mpjiegi. Bil-kontra Ewropa Soċjali teħtieġ li l-ħolqien tax-xogħol ikun diċenti u ta' kwalitá, fejn il-ħaddiema jgawdu minn kundizzjonijiet tajba tax-xogħol u pagi ġusti, ftehim kollettivi aktar b'saħħithom, u protezzjoni soċjali f'każ li l-ħaddiem jispiċċa bla xogħol.

L-istrateġija Ewropea 2020 li ġiet imfaħħra mill-Gvern Malti u l-alleati tiegħu bħala strateġija *grandjuża,* mhi xejn għajr biex jisforzaw lill-ħaddiema jaċċettaw kwalunkwe tip ta' xogħol, filwaqt li jbiddlu s-suq tax-xogħol minn wieħed b'impjiegi fissi għal wieħed b'impjiegi prekarji. Iridu jiżmantellaw id-dritt tal-ftehim kollettiv. L-istrateġija titkellem wkoll favur aktar privatizzazzjoni tal-ftit oqsma li fadal pubbliċi, fosthom is-servizzi pubbliċi, is-saħħa, l-edukazzjoni u l-pensjonijiet. Qed ukoll jagħmlu minn kollox biex idgħajfu l-'Istat Soċjali' ta' kull pajjiż. F'Malta dawn il-bidliet mhux eċċezzjoni, qed jerfgħu rashom ta' kuljum taħt Gvern Nazzjonalista.

L-introduzzjoni tad-*Direttiva tas-Servizzi* 2009 ġabet l-ewwel esperimenti tagħha fil-Latvja bil-każ *Vaxholm* u l-Irlanda bil-każ *Viking*. Id-direttiva ntużat mhux biss biex tkisser is-servizzi pubbliċi, imma wkoll biex timbutta l-quddiem *'social dumping'* ta' ħaddiema minn pajjiż għall-ieħor.

*Wieħed jistaqsi x'inhi triq il-quddiem għall-ħaddiema fl-Ewropa?*

Il-Kunsill ta' Trejdjunjins Ewropej (ETUC) tkellem ċar u tond li l-Ewropa teħtieġ programm ta' politika soċjali. Mhuwiex tollerabli li nreġġgħu lura l-arloġġ lejn l-iskjavitú. Biex ma jseħħx dan neħtieġu suq tax-xogħol ġust u żgur. L-impjiegi atipiċi (kuntratti qosra, part-time, self employed, agency worker etc) għandhom ikunu l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.

L-Unjoni Ewropea preżentament qegħda tipproteġi lil minn l-aktar li għandu l-ġid u mhux lil minn qed jipproduċieh. Ix-xogħol prekarju mhu xejn ħlief għodda ta' jasar modern li qed jbaxxi l-livell ta' l-għixien tan-nies tax-xogħol u l-familji tagħhom. Żminijietna temmen li l-kwalitá tax-xogħol għandha tkun l-oġġettiv primarju sabiex jiġi assigurat żvilupp soċjali, kwalitá tal-ħajja diċenti u ekonomija sostenibbli.

*Ġewwa ...*
- **Mark Montebello fost iz-Zapatistas tal-Messiku**
- **Mike Parnis dwar il-COLA**

**Kitbiet minn ...**
**A. Pert**
**Mary Anne Zammit**
**Sammy Camilleri**




LIBERAL DEMOCRATIC ALLIANCE MALTA
60A, 2nd Floor, Strait Street, Valletta VLT 1436, Malta-Europe.
Tel/Fax: (356) 2169 0365 Mob: 9945 9714, 99449157
Web: www.freewebs.com/liberalalliance, www.malta-liberals.org, www.john-zammit.eu
Email: mail@john-zammit.eu, mensra@maltanet.net
REFERENDUM May 28th, 2011
VOTE "YES" FOR DIVORCE

# Ċensura Fina Aljenattiva

minn **A. Pert**

Iċ-ċensura fid-diversi forom tagħha tillimita l-libertá tal-persuna li tagħżel x'taqra, x'tisma, u x'tara, u anke tirrestrinġi d-dritt tal-espressjoni ħielsa f'arti, kitba, kelma, u xandir. Apparti ċerti forom li jikkonċernaw 'minorenni', iċ-ċensura hija ġeneralment anti-demokratika u rigressiva. Iddejjaq l-orizzont tal-ħsieb, iddallam il-viżjoni tal-moħħ, u tostakola l-iżvilupp tal-intelliġenza u r-raġunar. Fi ftit kliem, tikkundizzjona l-linja ta' ħsieb u l-mod ta' ħajja taċ-ċittadini.

L-iżjed forma li tagħmel din il-ħsara, hija ċ-ċensura fil-qasam edukattiv. Każ tipiku ta' din il-kwalita ta' ċensura tfaċċat dan l-aħħar fil-qorti, meta ntellettwali magħrufa lmentaw li xi kotba ta' mportanza kbira letterarja, storika u soċio-politika, ġew irtirati mil-libreriji pubbliċi. Dan ifisser li xi ħadd fl-awtoritá ċaħħad lill-Maltin milli jwessgħu l-viżjoni u l-ħila tar-raġunar tagħhom, mit-tagħrif li fihom dawk il-kotba. Dik il-mossa tat-tneħħija tal-kotba minn attenzjoni pubblika, qiegħda ndirettament tisfiduċja l-kontenut tagħhom, u ssaħħaħ il-posizzjoni ta' min jibża li bl-iżvilupp tal-intelliġenza u r-raġuni tal-popolin, jista' jitlef is-setgħa tradizzjonali tiegħu. Din it-tattika li ċċajpar l-orizzont tar-raġuni libera taċ-ċittadini adulti, hija prattikata fis-sistema edukattiva b`ferm iżjed dannu fuq l-imħuħ torja tat-tfal fl-iskejjel primarji u fil-klassijiet ogħla sa l-universita.

Il-Kurrikulu u l-kotba li jintużaw f'kull stadju ta' studju, jintgħażlu mill-Awtoritá Edukattiva skond il-linja tradizzjonali li kienet magħġuna fiha hi. Tajjeb ninnotaw li dik l-Awtoritá tkun appuntata mill-gvern tal-ġurnata. Allura t-twemmin politiku jkollu parti fl-għażla ta' l-Awtoritá, u eventwalment ikun stampat fl-għażla tal-kotba u tas-suġġetti mgħallma fis-sistema. Mela l-gvern jista' jkollu nfluwenza determinabli fuq il-formazzjoni ta' l-imħuħ tal-ġenerazzjoni preżenti u futura.

Dan jagħti lok li s-sistema tkun sors potenzjali ta' aljenazzjoni, li maż-żmien tiggrava f`indotrinazzjoni ta' ġenerazzjonijiet sħaħ.

Niċċara dan il-punt kardinali billi nenfasizza distinzjoni bażika bejn is-suġġetti tax-xjenza/matematika u dawk formattivi. Ta' l-ewwel huma bbażati fuq formuli u regoli *(theorems)* ippruvati, li ma jħallux lok għal interpretazzjonijiet differenti, waqt li s-suġġetti formattivi bħall-letteratura, storja u politika soċjali, jesprimu l-opinjoni tal-awtur, u allura huma miftuħin għal interpretazzjoni tal-għalliema. Dan iseħħ għax per eżempju nsibu diversi verżjonijiet ta' l-istess epoka storika minn kittieba differenti. It-tfal isiru jafu biss il-verżjoni li trid l-Awtoritá, u kif interpretata mill-għalliem. L-istess jgħodd għall-letteratura u s-suġġetti oħra li suppost jifformawlhom esperjenza biex jagħżlu t-tajjeb mill-ħażin.

Eżempju klassiku ta' dan il-punt delikat, narawh mill-verżjoni kontroversjali li jitgħallmu t-tfal Maltin, dwar is-sentejn li għamlu l-Franċiżi f' Malta. Tajjeb ngħidu li minn awtur għal ieħor, il-Franċiżi jingħataw deskrizzjoni li tvarja minn briganti sa eroj ta' Ġensna.

Dak li jitwarrab b`dan il-mod mit-tagħlim, huwa effettivament ċensurat daqs il-materjal li jkun projbit miċ-ċensuri uffiċjalment. Għalhekk l-unika għażla tal-verżjoni li jkunu jitgħallmu l-istudenti hija mportantissima għall-formazzjoni tal-opinjoni letterarja/storika/politika, u daqstant ieħor hija mportanti l-interpretazzjoni tal-għalliem.

L-għażla tal-kotba tas-suġġetti miftuħa għal interpretazzjoni ta min jgħallem, qegħda tipperpetwa l-idejat ġenerali tat-tradizzjoni permezz tad-direzzjoni tal-għalliema, ta' opinjoni fformata bl-istess manjiera fuq l-istess ħsieb tradizzjonali li nfluwenzaw fihom ta' qabilhom.

Dan il-monopolju l-iżjed inġust u ċivilment degradanti, huwa mħares miċ-ċensura li b`finezza tara li josfor miċ-ċirkulazzjoni kull mat-erjal li b`xi mod jista jipperikolah. Is-sistema saret parti mill-kultura. Indrat u ħadd ma jagħti każ ta' dan l-element rigressiv li jdejjaq il-viżjoni taż-żgħażagħ, u jeqred jew imewwet it-tendenza naturali tal-fjur tas-soċjeta għal riformi progressivi.

Anke meta jinbidlu l-kotba, l-interpretazzjoni tal-ġodda mill-istess għalliema tibqa' għal xi żmien influwenzata minn dik il-formazzjoni miżrugħa fihom. Jiġifieri bidla fonda ma tkunx kompletament u verament effettiva qabel ċertu perjodu fil-prattika. Daqstant din is-sistema hija miftuħa għal aljenazzjoni li biha r-reġimi ta' ntenzjonijiet ulterjuri jistgħu jirkbu r-riħ ta' xi bidla u jipperpetwaw l-istatus quo.

Gvern totalitarju jwessa' dan il-poter fuq imħuħ il-poplu billi jikkundizzjona x-xandir tal-istat għal istess ċensura tattika, li taljena lin-nies mill-affarijiet li ma jridhomx ikunu jafu, u ma jiskruplax jindottrinhom bit-tagħrif skorrett li jridhom jibilgħu.

Ma jkollniex demokrazija sakemm ix-xandir statali u l-edukazzjoni formattiva jibqgħu kompletament f`idejn il-gvern tal-ġurnata. L-għażla tal-kotba u l-kurrikulu tas-suġġetti formattivi jridu jkunu f`idejn entitá statali ta' intellettwali ndipendenti mill-gvern, waqt li entitá oħra ta' l-Istat politikament newtrali, tirregola u tmexxi x-xandir nazzjonali.

# An American Bubble Machine

**Sammy Camilleri**

From Tech Stocks to High Gas Prices, Goldman Sachs has engineered every major market manipulation since the great depression and they are about to do it again…..

The first thing you need to know about Goldman Sachs is that it's everywhere. The world most powerful investment bank is a great vampire squid wrapped around the face of humanity, relentlessly jamming its blood funnel into anything that smells like money. In fact, the history of the recent financial crises, which doubles as a history of the rapid decline and fall of the suddenly – swindled – dry American empire, reads like a who's who of Golden Sachs Graduates.

All the money that you are losing, it's going somewhere, and in both a literal and figurative sense, Golden Sachs is where its going.

The Bank is a huge, highly sophisticated engine for converting the useful, deployed wealth of society into the least useful, most wasteful and insoluble on earth – pure profit for the rich individuals.

They are deadly parasites, and these 'criminals' are at large and their business continues…!!!

## And the Bubble Barons.

A Century ago, the Robber Barons at the helm of the economy were easily identifiable Titans of Industry: Andrew Carnegie of Carnegie Steel, John D. Rockefeller of Standard oil, Financier J.P Morgan.

It was easy to draw a link between the Robber Barons Brutal Business practices and their immense wealth.

The influence of today's super – rich is much harder to trace. Much of their wealth is managed in Opaque Wall Street Investments Vehicles and Byzantine Corporate Structures. They are less likely to slap their names on their ventures. In our post industrial economy, they amass wealth not by producing things with actual valve, but rather by riding waves of speculation, such as the housing bubble, to dizzying heights of wealth.

Today's Super Rich are not Robber Barons, but bubble Barons: They extract their fortunes from intensifying cycles of imaginary wealth creation and destruction, live at a far remove from their business, and evade public accountability in the midst of the worst economic crisis since The Great Depression.

# Newtralitá Maltija għada idea brillanti

**- V. Degiovanni**

Kuntrarju għall-predeċessur tiegħu, Dr Lawrence Gonzi Prim Ministru ta' Malta għazel li jimxi man-newtralitá kif hija imnaqqxa fil-Kostituzzjoni Repubblikana ta' Malta.

Kif verament jgħid sewwa Richard F. Rubinstein, professur li jgħallem fl-Institute For Conflict Analysis and Resolution, fl-artiklu tiegħu li deher f' "The Times" ta' nhar il-Ġimgħa 11 ta' Marzu in-*"Newtralitá Maltija għada idea brillanti"*.

Issa li madwarna hawn gwerra ta' aggressjoni mill-pajjiżi tal-punent kontra pajjiż ġirien tagħna li huwa Libya, il-fattur ta' Newtralitá jeħtieġ li jingħata attenzjoni. Huwa ta' għajb li qiegħed isir attakk kontinwu kontra din l-politika tan-Newtralitá min individwi li jippretendu li huma progressivi u xellugin u oħrajn leminin, bl-iskuża tas-sitwazzjoni xejn demokratika li hemm fil-Libja. Ta' min isemmi wkoll l-karikatura politika tas-"Sunday Times" li dehret fi 27 ta' Marzu, fejn il-Prim Ministru kif ukoll il-Kap ta' l-Oppozizzjoni ġew murija bħala 'ġifa' għax qed jirrispettaw il-Kostituzzjoni Maltija u jżommu Malta newtrali f'din il-kwistjoni.

Malta, li għal sekli twal serviet ta' Bażi militari, fis-snin Sebgħin tas-Seklu l-ieħor, taħt it-tmexxija għaqlija tal-Perit Dom Mintoff, għażlet li tbiddel ir-rwol tagħha għall-ħidma tal-Paċi, speċjalment fir-reġjun tal-Mediterran. Fl-aħħar tas-snin 80 il-Parlament Malti unanimament kien ivvota sabiex in-Newtralitá tiġi mnaqqxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

Mal-bidla tal-Amministrazzjoni fl-1987 minn waħda Laburista għal dik Nazzjonalista, beda l-manuvrar sabiex Malta ma tibqax Newtrali, għalkemm l-amministrazzjonijiet mmexxija minn Dr Edward Fenech Adami qatt ma kellhom il-maġġoranza sabiex ibiddlu l-Kostituzzjoni, xi ħaga li kien ammetta Dr Fenech Adami stess, fuq programm televiżiv "Xarabank", xorta waħda n-Newtralitá ġiet abbużata u miksura, specjalment fil-każ tad-dħul tal-bastimenti ta' l-Istati Uniti għat-tiswija ġewwa t-Tarzna. Dana meta l-Kostituzzjoni kienet tipprojbixxi d-dħul f'Malta ta' vapuri militari tas-Super Potenzi. Dan il-ksur reġa' seħħ kull darba li kien hawn bastimenti militari ta' l-Istati Uniti fil-portijiet tagħna.

Malta ġiet użata fil-gwerra kontra l-Iraq, gwerra li ma kellhiex l-approvazzjoni tal-Ġnus Maqgħuda, għalhekk kienet gwerra illegali, dana kollu bil-kunsens ta' Dr Fenech Adami li wara ġie 'ppremjat' billi laħquh gwardjan tal-Kostituzzjoni.

Il-Klawsola li tirregola n-Newtralitá ta' Malta li hija *'entrenched',* jiġifieri biex tinbidel irid ikun hemm il-vot ta' tnejn minn kull tliet membri parlamentari.

In-Newtralitá qiegħda hemm sabiex tiddefendi lill-poplu Malti mill-flaġel tal-Gwerer, u ma tħalliex lill-potenzi l-kbar jagħmlu użu minn Malta kif kienu jagħmlu fil-passat kolonjali tagħna. Ma hemm xejn immorali fiha, mhux kif allega l-artikolista *Klaus Vella Bardon* fl-artiklu odjuż tiegħu, li ġie ppublikat fit-*'Times'* fis-16 ta' Marzu. Anzi huwa għan nobbli li jgħin sabiex jista' jkun hawn il-paċi, kif spjega tant tajjeb *Richard F. Rubinstein.*

Il-fatt jibqa', li kieku l-Prim Ministru ħa l-pariri ta' individwi li qed jikkritikaw il-pożizzjoni tal-Gvern Malti fil-kwistjoni Libjana u n-Newtralitá ta' Malta, kien ikun qed jagħmel disservizz kbir lill-Poplu Malti għax konna nispiċċaw f'nofs dan il-flaġell.

Editorjal

## Għaliex dil-biża' mid-divorzju?

Jekk tisma' l-kampanja li qegħda ssir minn dawk li huma kontra l-introduzzjoni tad-divorzju f'Malta taħseb li se tispiċċa d-dinja, taħseb li l-familja Maltija se tiġi fi tmiemha.

Wieħed jixtieq li qabel ma beda dan id-dibattitu kellu statistika li għandha x'taqsam ma' żwiġijiet u l-familja.

Kemm hawn żwiġijiet annullati, kemm mill-qorti tal-Knisja kif ukoll mill-qorti ta' l-istat? Kemm hawn koppji li ħadu s-separazzjoni legali kemm wara sentenzi tal-qorti kif ukoll bi ftehim bonarji? Kemm hawn koppji separati de facto, koppji li jgħixu separati jew jgħixu flimkien għal apparenzi imma fil-fatt m'għadhomx koppja?

Minn dawn is-separati kemm hemm minnhom li qegħdin jgħixu ma' sieħeb jew sieħba oħra u probabbli għandhom it-tfal?

Kieku l-poplu kellu din l-informazzjoni kien ikun jista' jagħmel ġudizzju ferm aħjar dwar il-ħtieġa jew le li f'Malta jkun hawn liġi tad-divorzju.

Din l-informazzjoni żgur li turi li l-istat tal-familja f'Malta mhuwiex dak "l-ideal" li jippriedkaw dawk li jopponu d-divorzju. Żgur li kulħadd jintebaħ li m'hemmx bżonn id-divorzju biex titkisser il-familja u żgur li naraw li l-qagħda taż-żwiġijiet u l-familji f'Malta Kattolika mhix aħjar minn dik tal-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-mistoqsija hija: min għandu nteress li ma jidħolx id-divorzju? Min irid ikompli jagħti stampa falza ta' Malta bħala pajjiż fejn kulħadd huwa kuntent, li kulħadd għandu għal qalbu l-familja tradizzjonali u li f'dawn il-familji kollox ward u żahar?

Fatt żgur huwa li l-liġi tad-divorzju tagħti protezzjoni enormi lin-nisa u t-tfal għax dawn huma l-vittmi ewlenin tas-sitwazzjoni ta' illum, ta' annullamenti, separazzjonijiet u divorzji *de facto*.

Il-propagandisti tal-"le" qegħdin ipinġu xenarju tal-babaw jekk jidħol id-divorzju.

Imma ma jgħidux li ħadd mhu se jiġi mġiegħel jiddivorzja. Jiddivorzjaw dawk li verament għandhom bżonn dan id-dritt, dawk li lesti jgħaddu proċess twil (u probbabilment li se jiswa ħafna flus f'avukati) fil-Qorti biex jiksbu d-divorzju.

Fid-dinja kollha, partikolarment fl-Unjoni Ewropea li magħha niftaħru li naqsmu l-ideali, id-divorzju huwa dritt ċivili garantit legalment bil-liġi.

F'Malta l-Parlament neża' mir-responsabiltá li jintroduċi dritt ċivili u tefa' r-responsabiltá fuq il-poplu.

F'ċeri każi wieħed ma jistax ikun kontra referendum. Imma jista' jkun li referendum jista' jkun ta' theddida.

Għax anke jekk il-maġġoranza tal-poplu tivvota kontra, jkun ifisser li l-maġġoranza se timponi fuq minoranza. U din mhix demokrazija.

Il-Parlament għandu d-dmir u r-responsabiltá li jiddefendi l-minoranzi u jiżgura li dawn ma jiġux emarġinati jew mkasbra. Għalhekk messu kellu l-kuraġġ li jdaħħal id-divorzju.

Hekk kien għamel meta ta' drittijiet lil dawk li huma gay. M'għamilx referendum u kieku għamel referendum m'hemmx dubju li l-maġġoranza kienet tivvota kontra dawn id-drittijiet.

Meta daħħlu dawn id-drittijiet permezz tal-Parlament, il-poplu ma spiċċax kollu 'gay' u l-lum ħadd m'għandu problemi b'dawn id-drittijiet.

Jekk xi ħadd jaħseb li jekk jidħol id-divorzju, l-poplu kollu sejjer jiġri l-qorti biex jiddivorzja u li l-familji kollha se jisfaxxaw, mhuwiex f'sensieħ.

**L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug**

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz PO Box 35 Sliema fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn: KoPri Koperattiva Ltd. Stampar: Union Print, Marsa.**

# Għaliex ser nivvota iva fir-referendum dwar id-divorzju

**Michael Briguglio**

Fis-sajf li għadda, Alternattiva Demokratika kitbet lill-membri tal-parlament kollha u appellat biex jibdew diskussjoni dwar l-introduzzjoni tad-Divorzju. Bgħatnilhom il-liġijiet tad-divorzju ta' l-Irlanda u ta' l-Italja biex ikollhom mudelli ta' liġijiet ta' pajjiżi b'kulturi simili għal ta' Malta.

Ftit tal-ġranet wara, id-deputat Nazzjonalista Jeffrey Pullicino Orlando qal li ser jagħmel *private members' bill* dwar id-divorzju biex b'hekk tkun tista' tiġi diskussa fil-parlament. Hekk kif id-diskussjoni bdiet tieħu iktar prominenza fl-isfera pubblika, gie maħluq il-moviment IVA għad-divorzju, li fost oħrajn kellu bħala membri lil Pullicino Orlando u Michael Falzon mill-kamp Nazzjonalista, lil Evarist Bartolo u Marlene Mizzi mill-kamp Laburista u lill-Yvonne Arqueros Ebejer u lili mill-kamp ta' l-Alternattiva Demokratika (AD).

Ta' min ifakkar li l-AD ilha favur l-introduzzjoni tad-divorzju sa minn meta twaqqfet fl-1989 u dan kien inkluż f'kull manifest elettorali tagħha. Dan għamlitu għaliex temmen li f'soċjeta sekulari u pluralista, id-drittijiet ċivili għandhom ikunu garantiti.

Eventwalment, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi ta' x'jifhem li ser ikun hemm referendum dwar id-divorzju, ġie maħluq il-Moviment LE, u l-parlament iddeċieda li ser ikun hemm referendum għal divorzju speċifiku, dak responsabbli, ibbażat fuq il-mudell Irlandiż.

Ġaladarba huwa ċar li ser ikun hemm referendum f'Malta, kull diskussjoni politika dwar id-dħul tad-divorzju f'pajjiżna għandu jitpoġġa f'dan il-kuntest. L-għażla li ser ikollna quddiemna fit-28 ta' Mejju hi dik ta' referendum.

Kull diskussjoni dwar possibilitajiet oħra, tkun diskussjoni purament akademika li fil-kuntest preżenti huma jew irrelevanti jew inkella iservu biex ikun hemm frammentazzjoni fis-sejħa għall-introduzzjoni tad-divorzju. U bħal ma tgħallimna l-politika ta' l-Imperaturi Rumani, l-istrateġija ta' 'ifred u aħkem' isservi sew lil min hu fil-poter u jrid iżomm kollox kif inhu. U lkoll nafu x'inhi s-sitwazzjoni preżenti.

F'Malta qegħdin f'sitwazzjoni unika fid-dinja, fejn, divorzju miġjub minn kull pajjiż tad-dinja, anke jekk minn ċittadini Maltin, jiġi rikonoxxut mill-istat. Għalhekk l-istat qed jiddiskrimina kontra ċ-ċittadini li jgħixu fil-pajjiż. Min jifla ħ iħallas għal divorzju barra l-pajjiż jista' jagħmel dan. Min qal li klassi soċjali spiċċat?

Sa dan it-tant, minkejja n-nuqqas tad-dritt tad-divorzju ġewwa pajjiżna, is-separazzjonijiet qegħdin jiżdiedu minħabba raġunijiet varji. Dawn jinkludu stress u sitwazzjonijiet varji fil-ħajja ta' kuljum. Iżda hemm raġunijiet oħra wkoll, anke minħabba li l-individwu qed jagħti iktar valur lill-kuntentizza fir-relazzjoni li jkun/tkun fiha. Għalhekk, il-verita; hi li ċerti żwiġijiet ifallu u għandna nkunu sensittivi għall-istress emozzjonali u finanzjarju li ħafna nies ikollhom jgħaddu minnu minħabba n-nuqqas ta' legislazzjoni dwar id-divorzju għal dawk f'Malta.

Ħafna nies separati jixtiequ jingħataw iċ-ċans li jerġgħu jiżżewġu. Permezz ta' din il-perspettiva, id-divorzju jista' jitqies bħala dritt favur il-familja, minħabba li jippermetti lill-koppji li jirregolarizzaw ir-relazzjonijiet tagħhom.

F'pajjiż fejn tirrenja d-demokrazija ta' kuljum, l-istat għandu r-responsabilità li jipprovdi l-qafas legali li jirrispetta l-għażliet tal-individwi. L-introduzzjoni tad-divorzju tista' ssir flimkien ma' miżuri oħrajn bil-għan li jsaħħu lill-familji. Iżda dan jirrikjedi kuraġġ politiku. L-istat għandu jinjora din ir-realtà, u jeskludi lil eluf ta' ċittadini minn drittijiet ċivili bażiċi?

Wieħed għandu japprezza r-rwol tal-Knisja Kattolika bħala vuċi leġittima fis-soċjetà Maltija. Il-Knisja għandha kull dritt li tgħid li hi kontra d-divorzju u li tistenna lill-fidili tagħha jsegwu t-tagħlim tagħha. Iżda wieħed għandu japprezza wkoll li f'soċjetajiet moderni u sekulari, fejn id-drittijiet ċivili għandhom rwol importanti, l-identità Kattolika hija waħda fost oħrajn.

Huwa f'dan il-kuntest li jien ser nivvota IVA fir-referendum. Bħala attivist li nemmen fid-demokrazija ta' kuljum, fil-pluraliżmu u fid-drittijiet ċivili, kont nippreferi li d-divorzju jidħol fil-leġislazzjoni ta' Malta mingħajr referendum, għax dan huwa dritt tal-minoranza u ħadd m'hu ser ikun obbligat jiddivorzja jekk dan jiġi legalizzat. Iżda r-realta' hi li ser ikun hawn referendum, u ma rridx nagħmilha ta' Ponzu Pilatu u naħsel idejja mir-responsabilita' f'dan il-mument storiku.

Ser nivvota IVA fir-referendum, għax irrid li ċittadini Maltin ikollhom l-istess drittijiet li għandhom ċittadini fid-dinja kollha, speċjalment fil-pajjiżi demokratiċi u li jirrispettaw id-dinjita' tal-bniedem.

Ser nivvota IVA fir-referendum għax irrid li tispiċċa d-diskriminazzjoni li tippermetti d-divorzju minn pajjiżi oħrajn.

Ser nivvota IVA fir-refererendum għax nemmen li d-divorzju huwa dritt bażiku għal dawk li jixtiequh, inkluż dawk li jixtiequ jergħu jiżżewġu. Id-divorzju jagħti ċans ieħor lil min kellu żwieġ li ma rnexxiex.

Għalhekk, nappella lil dawk kollha li jaqblu ma' l-introduzzjoni tad-divorzju kif ukoll dawk li ma jaqblux mad-divorzju iżda li ma jridux iċaħħdu lill-ħaddieħor minn dan id-dritt biex jivvutaw iva fir-referendum. M'għandniex nagħtu rebħa lil min irid iċaħħad lill-eluf minn dan id-dritt ċivili.

Ma naqgħux għan-nassa li nkunu favur bojkott ta' referendum, għax dan ipaxxi lil min ma jridx idaħħal id-divorzju f'Malta. Bħal ma jgħidu l-Ingliżi, *let us stand up and be counted!* Fl-għaqda hemm is-saħħa!

# Ix-Xellug fid-Demokrazija Kristjana

Il-Moviment Azzjoni Xellug kompla bit-taħdidiet fuq temi politiċi u soċjali minn perspettiva Xellugija, b'ta' l-aħħar trattat ***ix-Xellug fid-Demokrazija Kristjana*** fejn il-protagonista kien Fr.Peter Serraċino Inglott fejn f'żgħożitu kien attiv fil-Moviment Ħaddiema Nsara u kien qrib tal-Partit Nazzjonalista. Hawn min jgħid li l-ideat li kien imexxi hu dak iż-żmien kienu progressivi. Fl-1986 jingħad li kiteb il-parti fundamentali tal-*Prinċipji tal-PN* u kien ukoll jikteb xi diskorsi ta' Politiċi Nazzjonalisti.

Mit-taħdita ħareġ ċar u kkonfermah l-istess Peter Serragino Inglott li l-Partit Nazzjonalista reġa mar lura għal Għeruq Konservattivi. Kien anki kritiku tax-xellug, fis-sens li qal li, filwaqt li l-PN abbanduna x-'xejra xellugija' tiegħu ta' parteċipazzjoni wiesgħa, ix-xellugin, inkluż il-Partit Laburista għadhom mhumiex jgħarfu biżżejjed, speċjalment fl-implikazzjonijiet konkreti tagħha, l-importanza tal-parteċipazzjoni llum, fl-era elettronika.

Il-Moviment Demokristjan nħoloq b'reazzjoni għal revoluzzjoni Industrijali, l-istess bħalma kien il-marxiżmu. Qal li n-natura ta' xogħol matul iż-żminijiet nbidlet, fejn seħħu bidliet kbar u fejn illum seħħet revoluzzjoni elettronika u ġabet *revoluzzjoni ta' mportanza ugwali.* Huwa tajjeb li nifhmu li f'soċjetá elettronika l-bniedem ma jistax jibqa' illetterat.

Hu jara li l-internet ta' ċans lill-bniedem biex jipparteċipa b'mod apert mingħajr xkiel.

Fr.Peter Serraċino Inglott kien kritiku fejn qal li l-ftit kumpaniji kbar fid-dinja qed jiġbru f'idejhom il-ġid kollu li qed jiġi ġġenerat, allura għandek distribuzzjoni li mhiex titqassam ġustament. Minn banda l-oħra sistemi oħra ta' *'open source system'* fl-elettronika qed joħolqu alternattiva għas-sistema kapitalista f'dik li hi informatika.

Il-Partit Nazzjonalisti kien wieħed mill-ewwel partiti fl-Ewropa li ħaddan il-linji Demokristjani. Dana ġara bis-saħħa ta' Fortunato Mizzi. Għall-bidu il-Partit kien qed jieħu linja vera Nazzjonalista, bħala Partit kontra l-Imperu Ingliż u kontra s-sistema kolonjali. Fortunato Mizzi flimkien ma Nerik Mizzi u sħabu irnexxilu jbiddlu l-Partit minn wieħed ta' borgeżija għal partit b'ruħ soċjali. Il-Partit tul iż-żmien ħadem biex ġab l-Indipendenza u li Malta tissieħeb fl-Unjoni Ewropea.

Hu qal li differenza bejn il-ħsieb marxista u dak demokristjan hi li linji tal-produzzjoni minn perspettiva ta' Marx, dawn għandhom l-ewwel jgħaddu f'idejn l-Istat u wara jgħaddu f'idejn il-ħaddiem, filwaqt li l-ħsieb demokristjan jgħid li dawn għandhom jgħaddu direttament f'idejn il-ħaddiema biex iħaddmuhom huma. F'Malta l-uniku darba li ersaqna lejn dawn il-ħsibijiet kien fit-Tarzna, meta tmexxija b'mod demokratiku kienet f'idejn il-ħaddiema. Il-lum qed naraw li s-sistema Kapitalista qed taħkem il-mezzi ta' produzzjoni f'idejha.

F'għeluq tat-taħdita tenna li l-mezzi tal-komunikazzjoni ġodda ġabu bidliet u rivoluzzjonijiet fid-dinja bl-eżempju ta' Tuneżija u l-Eġittu u, li dawn il-mezzi moderni jistgħu jkunu ta' għodda f'idejn in-nies għall-bidla.

Minn kummenti tan-nies preżenti ħarġu numru ta' osservazzjonijiet. Fosthom għala l-kampanja globali kontra x-xogħol prekarju mhiex qed taħdem daqshekk bil-mezzi tal-komunikazzjoni l-ġodda? Tgħid għax il-politika neoliberali ħakmet il-popli kollha u hi diffiċli biex tiġġildilha?

Kien hemm min qabbel ir-revoluzzjoni tal-komunikazzjoni ġdida ma 'l-komuniżmu ta' l-ikel tal-moħħ'. Ieħor rrimarka li revoluzzjoni industrijali ġabet bidla eġemonika, fejn il-borgeżija industrijali ħadet il-poter assolut fis-soċjeta. Bir-revoluzzjoni elettronika x'bidla ta' klassi eġemonika ser nesperjenzaw?

Ieħor semma' li fl-użu ta' l-informatika, il-maġġor parti ta' nies għad ma għandhomx aċċess għalih, allura l-bidla kif tista' sseħħ u meta ngħidu bidla x'qed nifhmu biha?

Il-Moviment Azzjoni Xellug ser jkompli bi taħdidiet ġewwa *Amiċi Miei,(ex Labyrint)* Triq id-Dejqa, Valletta, fi 7:30pm. Il-Moviment qed jistieden lill-pubbliku biex jattendi.

**24 ta' Marzu - Helena Dalli – Il-familja u x-xellug.**
**7 ta' April – Flavia Zimmermann – Cottonera & Social Enterprise.**
**14 ta' April – Emanuel Delia – It-tagħlim soċjali tal-Knisja llum.**
**28 ta' April – Sandra Dingli – Ix-xellug u t-tfassil tal-futur.**
**5 ta' Mejju - Clive Zammit – Komunikazzjoni u x-xellug**
**19 ta' Mejju – Giuseppe Schembri Bonaċi – L-arti u x-xellug.**

# 140 SENA mill-KOMUN ta' PARIĠI

**minn Alfred Consiglio**

Il-Komun ta' Pariġi kien il-gvern rivoluzzjonarju ta' Pariġi ffurmat fit-18 ta' Marzu 1871. Intemm b'mod imdemmi fit-28 ta' Mejju 1871.



F'Marzu 1871 il-Pariġini rreaġixxew għal dawk li dehru bħala atti kontra Pariġi billi waqqfu gvern indipendenti. Membri tal-Komun kienu jinkludu attivisti tal-Ewwel Internazzjonal, Anarkisti u Ġakobini. Kien sostanzjalment għaqda proletarja. Il-gvern nazzjonali rreorganizza l-armata u nvada Pariġi. Aktar minn 3300 ruħ inqatlu dakinhar u aktar kienu maqtula ġudizzjalment wara. Mijiet oħra kienu eżiljati.

Għal ħafna xellugin il-Komun kien il-bidu ta' kollox. Għalina huwa eże-mpju kritiku tal-kumplessitá tal-għaqdiet tal-ħaddiema, il-kattiverija tar-ripressjoni mill-Istat u l-eroiżmu tar-reżistenza tal-ħaddiema. Fabbriki abbandunati mis-sidien kienu mħaddma mill-istess ħaddiema. Elezzjonijiet kienu diretti u d-delegati setgħu jitneħħew immedjatament. Soċjalisti jargumentaw li l-problema tal-Komun kienet in-nuqqas ta' tmexxija rivoluzzjonarja.

Meta disfatta dehret għar-ribelli, u l-Ġakobini u s-segwaċi ta' Blanqui issuġġerew il-ħolqien ta' Kumitat għal Ħarsien Pubbliku, is-segwaċi ta' Proudhon telqu u ppubblikaw test li baqa' validu għal ħafna snin wara.

Maurice Joyeaux, Anarkista Franċiż, **(ritratt fuq)** jikteb f' *La Rue* u irrikapitula hekk: *Il-Komun ta' Pariġi kien is-salib it-toroq fejn il-kurrenti varji ħafna mqanqlin mit-tamiet tal-bnedmin f'ħidmiet ta' organizazzjoni, reliġjon, il-libertá, il-patrija, ir-repubblika, ir-raġuni u s-soċjetá fl-aħħar iltaqgħu.* Kien intersezzjoni fejn l-Ewropa romantika u dik rivoluzzjonarja ltaqgħu, kif ġara fl-arti, barrikati u kull ribell li kien iterraq madwar id-dinja jiżra ribelljoni.

Il-Komun kien Blanqui, Proudhon, is-suldati fuq nofs paga ġejjin mill-gwerer fl-Alġerija, borgeżija realista assorbita mill-manifattura, politiċi mgħaddbin, ħaddiema skunċertati, u miżerja moħbija li welldet nies għal avventura; kienet dinja qegħda titwieled u oħra qed tmut, u klassijiet jieħdu sura. Dan kien il-Komun qabel u eżatt wara t-18 ta' Marzu.

Iżda għal 10 ġimgħat dawn l-elementi mħalltin kellhom kollha jitkaxkru mill-avvenimenti. Il-ħolm tagħhom kellu jiġi f'kunflitt mar-realtajiet ħorox tal-ġlieda. Eżiljati osservaw bir-reqqa l-kontenut politiku tal-Komun, u mill-maturita' ttardjata tal-imħuħ kellhom jinbtu s-soċjaliżmu u s-sindikaliżmu rivoluzzjonarju.

Minkejja l-attentati kollha biex tinkiteb mill-ġdid l-istorja, aħna nirrikonoxxu l-attentat ġenwin tal-ħaddiema ta' Pariġi li jorganizzaw huma stess ħajjithom.



N° 252 LIBERTÉ — ÉGALITÉ — FRATERNITÉ N° 252

COMMUNE DE PARIS

15 Floréal an 79.

LE COMITÉ DE SALUT PUBLIC

ARRÊTE :

ART. 1er. La Délégation à la Guerre comprend deux divisions :

Direction militaire,
Administration.

ART. 2. Le colonel ROSSEL est chargé de l'initiative et de la direction des opérations militaires.

ART. 3. Le Comité central de la Garde nationale est chargé des différents services de l'Administration de la Guerre, sous le contrôle direct de la Commission militaire communale.

*Le Comité de Salut public,*
ANT. ARNAUD, CH. GÉRARDIN, LÉO MEILLET,
FÉLIX PYAT, RANVIER.

1 IMPRIMERIE NATIONALE. — Mai 1871.

*Waħda mill-ordnijiet maħruġa minn Le Comité se Salut Public, il-kumitat li kien qiegħed imexxi l-Komun ta' Pariġi*

# THE EUROPEAN DISABILITY STRATEGY 2010-2020

**Marie Anne Zammit**

Autonomy, independence and social integration are important for citizens in every society. Unfortunately, these attributes and potentials are more often limited to persons with disability. Till date, people with disability are still not visible in all sectors of society and are facing numerous challenges. The European Commission has set up a strategy on disability covering the time frame between 2010 and 2020. The aim of this strategy is to enable people with disability to take part in all aspects of life.

People with disabilities may have limited or no access to school and work which on a longer term, this lack of access leads to social exclusion. Employment and Education are vitally important for sustaining life and for individuals to feel that they are participating in society.



The Disability Strategy will ensure the access to EU funding while at the same time raising public awareness about disability, and encouraging member governments to work together in removing obstacles to inclusion. Also, this will fulfil the commitment of the EU to the UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities.

The targets of the Commission are to devise policies for inclusive, high quality education and to ensure that the European Platform against Poverty includes a special focus on people with disabilities. The forum brings together experts who share best practices and experience. To work towards the recognition of disability cards throughout the EU and to ensure equal treatment when working, living or travelling in the bloc. All these are important for focusing on the everyday needs of persons with disability.

Some places of work do not provide the necessary facilities. This lack of access leads to social exclusion and poverty and as it is estimated, the poverty rate is 70% higher amongst people with disability.

Around 80 million people living in EU countries have mild to severe disability and these include invisible illnesses. Such examples are Myalgic Encephalomyelitis (ME) and Fibromylagia both having similar symptoms. These are medical conditions which are characterised by a chronic widespread pain, a heightened and painful response to pressure and debilitating fatigue, sleep disturbance, and joint stiffness.

Fibromyalgia is estimated to affect 2–4% of the population and those suffering from these disorders appear physically normal with no visible disability. Yet, in reality the condition itself and intolerance to pain which render them incapable of performing certain activities of daily living which are normal to healthy persons.

As a result they have to quit their job as the condition affects sufferers with extreme fatigue and excruciating pain that restricts mobility and concentration. Because, the disability is not physically visibly in most cases these individuals are misunderstood. However, this does not mean that they have to be excluded from work and society, but they need to be given lighter sheltered jobs which do not impose demanding physical and psychological exertion which can cause exacerbation.

Women suffering from disabilities tend to have low self-esteem and are less likely to fight for their rights. As a result they end up getting lower paid jobs with poor conditions. It is even more difficult for them if they require technical help in order to perform their duties.

Another point which I would like to add is that women with disabilities are not participating in decision making, nor are they getting high profile posts. Also, women with disability do not appear very often in the media or television. If they appear they are either seen as victims or as exceptional cases, but not as leading protagonists.

The European Governments does well to focus on the daily needs of people with disability which should include accessibility to education and work. This should also include several national programs to empower people with disability, more training in decision making processes such as how to apply for jobs and in defending their rights. Employers should be encouraged to upgrade their facilities to make them more accessible for people with disability.

Attending to these basic levels will enable individuals with disability to live an integral life in society, move forward in every aspect of life and become more visible.

# Il-pagi u l-produttivitá

- minn **David Pisani**

M'ilux kont f'laqgħa pubblika fejn it-tema attwali kienet il-faqar u l-mira Ewropea 2020 sabiex l-Ewropa ssir aktar kompetittiva. B'sorpriża kbira persuna li taħdem 'freelance' fil-qasam tal-midja rrimarkat li jeħtieġ li l-paga tal-ħaddiem tintrabat mal-produttività sabiex Malta tibqa' kompetittiva. Din l-istess frażi smajnieha ħafna drabi, l-aktar mill-għaqdiet ta' Min Iħaddem.

Nistaqsi kif jista' jkun persuna li taħdem bħala *cleaner,* fejn din qed taghti 8 sigħat tagħha ta' xogħol kuljum tkun aktar produttiva? Ma nafx forsi hemm xi bakketta maġika sabiex din tnaddaf aktar, u biex ma nsemmux il-pagi baxxi f'dan is-settur.

Dan hu l-ħsieb ewlieni tal-Kapitaliżmu dik ta' aktar profitti b'inqas spejjeż. Il-maġġoranza kbira ta' nies fis-soċjetà tagħna kapitalista jaħdmu biex jgħixu, u ma nkunux qed nesaġeraw meta wieħed jgħid li l-maġġoranza tan-nies fil-pajjiż tagħna, huma ħaddiema sfruttati.

Il-ħaddiema huma għodda f'idejn il-kapitalisti. Naturalment il-kapitalisti qatt ma jammettu dan. Huma jsostnu li huma jħallsu lill-ħaddiema tagħhom paga ġusta għal jum ta' xogħol li jagħtu, "li huwa dak il-ħlas għal dak li jipproduċu". Iżda tajjeb nifhmu li dan mhux il-każ.

Il-kapitalisti waqqfu sistema li fiha l-minoranza, saru propjetarji tal-makkinarju, fabbriki, l-irziezet u mezzi oħra ta' produzzjoni li huma meħtieġa fis-soċjetá. Il-ħaddiema mill-banda l-oħra li huma fil-maġġoranza, m'għandhom l-ebda mod ieħor biex jgħixu, jekk mhux billi jbiegħu l-abilità tagħhom biex jaħdmu. Il-ħaddiema jbiegħu din il-ħila li hija riflessa f'xogħol għall-kapitalisti, sabiex jaqalaw l-paga, kif ukoll sabiex jiksbu l-impjieg.

Il-pagi huma mbagħad użati mill-ħaddiema biex jixtru l-prodotti meħtieġa biex isostnu lilhom infushom u l-familja tagħhom. Għalhekk kienet dagħwa li ż-żieda fil-paga minima ma daħlitx fl-aħħar baġit. Minn hu komdu ma jridx li ta' lanqas il-ħaddiem jitħallas ftit aktar sabiex jtejjeb il-livell ta' l-għixien tiegħu. Kien żball li UHM, waħda mill-għaqdiet tal-ħaddiema abdigat mir-responsabilta favur żieda diretta fil-paga minima.

Wieħed jistaqsi x'inhu l-valur tal-kapaċità tax-xogħol? Il-qawwa tax-xogħol tal-ħaddiem hu rifless min x'ikun l-ammont ta' flus neċessarju biex jinżamm il-livell tal-għixien tagħhom u tal-familja. Meta dan il-livell jonqos il-ħaddiem iqum biex jiġġieled is-sistema. Xeni rejali kienu l-protesti u strajkijiet madwar l-Ewropa u Tajlanda u revoluzzjoni fit-Tuneżija.

Immaġina inti fejn ħaddiem għandu bżonn € 40 kuljum sabiex *jgħix (ikel, ħlas tad-dejn jew kiri tad-dar, użu ta' l-enerġija u biex jħallas għall-bżonnijiet bażiċi oħra*) u tqabbel dan ma paga ta' ħaddiem b'paga minima fil-fabbrika jew kumpanija li hi ta'  € 25 kuljum, għal 8 sigħat ta' xogħol, jew xi € 3.25 fi siegħa, fejn il-maġġor parti tal-qliegħ jeħodhom il-kapitalist.

Riflessjoni: ħaddiem qed jipproduċi 1,250 € valur ta' xogħol għal kull siegħa, € 10,000 għal kull jum u f'ġimgħa ta' 40 siegħa jipproduċi €80,000!. Safejn nistgħu ngħidu li l-ħaddiem għandu jipproduċi aktar u xi jfisser dan, aktar sigħat ta' xogħol, żieda fil-paga ta' 40 siegħa, aktar sfruttament ?

Li huwa żgur hu li hu fl-interess tal-kapitalist li inti tipproduċi kemm tiflaħ jew billi jisforzaw li taħdem aktar sigħat fil-jum jew li ssir aktar effiċjenti billi taħdem aktar malajr. Filfatt jekk ma tilħaqx id-domanda malajr issib ruħek barra. U llum bil-ħolqien ta' xogħol atipiku jew f'kelma oħra prekarju, dan sar aktar possibli.

Iżda hemm bżonn li l-ħaddiem jikseb l-għarfien u jiftakar li dak li qed jipproduċi b'valur ta' 1,250 € fis-siegħa, jfisser € 20.83 kull minuta. Fejn imbagħad int ħaddiem taqla' biss €25 kull ġurnata ta' 8 sigħat xogħol. Huwa tassew importanti li l-ħaddiema jkunu jafu dan? Assolutament......tajjeb niftakru li l-membri parlamentari u segretarji tagħhom ħadu żieda fid-dħul tagħhom u aħna ħadna biss €1.16 ta' COLA.

Valur ta' xogħol ta' € 20.83 kull minuta, dan jieħu madwar 2 minuti u 40 sekonda għalik biex tipproduċi € 50 valur. Fi kliem ieħor, inti għandek taħdem anqas minn 3 minuti biex tipproduċi €50 valur, li jkopri jumejn tas-salarju tiegħek f'ġurnata waħda.

Inti tieħu 25 € valur ta' xogħol f'minuta u ftit, li eżattament hu dak li inti ser tiġi mħallas. Imma ma ninsewx li għandek taħdem 8 sigħat biex tikseb €25 li ta' dan inti tieħu inqas minn 3 minuti biex tipproduċieh. Hemm minn  jgħid li l-valur l-ieħor li qed tipproduċi huwa misruq mill-kapitalist, għax mhux qed tieħu l-valur tiegħu. *(surplus value)*

Il-Kapitalist kontinwament jgħidlek li inti mħallsa għal dak li tipproduċi, li inti kkumpensata b'mod ġust għall-ħin li inti tagħti, iżda fir-realtà mhux hekk, jekk tikkwantifika.

Fl-eżempju tiegħi, jekk inti tassew imħallsa għal dak li qed tipproduċi, ta' €1,250 li produċejt f'dik il-ġurnata, kieku mħallsa aktar. Aħseb dwar din is-sitwazzjoni tiegħek fuq ix-xogħol u kif dan l-eżempju huwa realistiku. Għalhekk minn jgħid kontra Unjins ma jafx x'inhu jgħid, biex mbagħad jfaħħar lill-kapitalist.

L-approprjazzjoni ta' xogħol bla ħlas hija l-bażi tal-mod kapitalista ta' produzzjoni u l-isfruttament tal-ħaddiem li jseħħ ta' kuljum.

# Jekk titwessa' l-lasta tal-COLA ttik riżultat żgur

**Michael Parnis, GWU**

Il-mekkaniżmu tal-COLA kif nafuha llum iddaħlet f'Malta fl-10 ta' Diċembru 1990. Qabel iż-żieda fl-għoli tal-ħajja kienet suġġetta għal deċiżjoni tal-Gvern. Tajjeb niftakru li l-paga minima nazzjonali bil-liġi ddaħlet f'Malta 1974 u dak iż-żmien kienet Lm10 fil-ġimgħa, l-ekwivalenti ta' 20.33 euros. Illum wara kważi erbgħin sena, f'2011, il-paga minima nazzjonali telgħet għal 153.45 euro fil-ġimgħa. Id-differenza fil-valur tal-paga minima hija suġġetta biss miż-żieda mogħtija għall-għoli tal-ħajja. Iġifieri reviżjoni tal-paga minima nazzjonali bħala valur tal-paga qatt ma reġgħet saret wara l-1974.

L-istatistika turi li l-ikbar żieda li ngħatat biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja kienet 1981 ta' Lm4. Mill-1983 sa 1989 żieda ta' l-għoli tal-ħajja ma ngħatatx (iġifieri kien hemm wage freeze), bl-eċċezzjoni ta' sena.

Kull żieda li ngħatat ta' l-għoli tal-ħajja baqgħet tiġi riflessa fil-paga tal-ħaddiem fi snin ta' wara. L-*'energy benefit'* jew '*costs benefit'*, huma biss dħul ta' darba u mhux riflessi fil-paga.

**Żminijietna – Leħen ix-Xellug ħadet il-kummenti ta' Michael Parnis, Segretarju ta' GWU dwar din il-materja u saqsietu X'kienet ir-raġuni li f'Malta adottajna l-COLA?**

Fi 1990 l-Gvern kien ħareġ bl-idea li flok żieda għall-għoli tal-ħajja tingħata żieda biex ntejbu l-livell ta' l-għixien, li wasslet għall-famuża ġlieda tal-Phoenicia. Filwaqt li ħafna kumpaniji qablu li jagħtu din iż-żieda, l-Phoenicia ma qablux, u wara diversi tentattivi ndustrijali, l-lukanda għalqet il-bibien tagħha f'Malta. Il-Gvern meta ra dak l-inkwiet kollu fir-relazzjonijiet industrijali, ħass li kellu jagħmel xi ħaġa malajr u ħareġ bl-idea tal-COLA.

COLA tfisser Costs of Living Adjustment. Dak iż-żmien konna qed ngħidu lill-Gvern li għandu jiġi adottat makkinarju sabiex kull sena l-ħaddiem jieħu xi forma ta' kumpens, biex ma tibqax tiġi suġġetta għal dak li jiddeċiedi l-Gvern tal-ġurnata, u allura niskansaw li jiġri bħalma ġara qabel, fejn il-ħaddiem spiċċa ma ħa xejn bħala kumpens minħabba *wage freeze* u sa anka kellna kwistjonijiet industrijali.

Il-COLA għall-bidu kienet tinħadem fuq il-paga soċjali. Il-paga soċjali kienet tinkludi s-somma magħduda flimkien; il-paga minima tal-ħaddiem, children allowance, special bonus, family bonus u parental allowance. Ir-rata tal-inflazzjoni tiġi kkalkulata minn Settembru sa Ottubru ta' Sena ta' wara. Wara jittieħed l-'average rate' u dan jiġi kkalkulat ma' l-paga soċjali. Jekk ez ir-rata tiġi 3% u l-paga soċjali kienet ta' 100euro, il-ħaddiem jieħu 3 euro f'żieda bħala kumpens.

Matul iż-żmien il-Gvern biddel il-kalkulazzjoni minn dik mal-paga soċjali għall-paga bażika. Tajjeb ngħidu li differenza kienet marġinali. Il-paga bażika hi kważi kważi l-valur tal-paga minima. L- NSO tikkwantifika din il-paga.




*Kif jitħaddem il-Household Budgetary Survey?*

Kull ħames snin isir il-***HBS***, li jinħadem fuq 2000 dar, fejn persuni mqabbda minn NSO jikkalkulaw inti x'tonfoq ta' kuljum matul il-perjodu ta' 6 xhur, f'dak li hu ikel, frott, appliances, ħwejjeġ, mediċini u oħrajn.

Imbagħad il-prodotti mniżżla jitqassmu f'għaxar t'ikxaxen. L-isem tal-kxaxen huma 1)*Food*, 2) *Beverages and Tobacco*, 3)*Clothing and Footwear*, 4)*Housing,* 5) *Water,Electricity, Gas & Fuel,* 6) *Household equipment and house maintenance cost*, 7)*Transport and communication,* 8)*Personal health and care,* 9)*Recreation and culture* u 10)*other goods and services*. Il-kexxun tal-ikel iġorr weight ta' 21.23%. Il-kxaxen flimkien jammontaw għal 100%.

***X'ġara biex matul is-snin il-'weight' ta' l-ikel nieżel minn 36% għal 21.23%, meta l-prezzijiet tal-ikel qegħdin kullma jmur joghlew?***

Mill-'***Household Budgetary Survey'*** joħroġ dan. Sinjal li n-nies qed jiddiversifikaw fejn jidħol konsum, fejn qabel kienu jonfqu ħafna mill-paga fl-ikel, illum qed jonfqu il-paga f'affarijiet oħra. Huma tajjeb li l-poplu jkun jaf, li mhux vera li jekk iddaħħal aktar prodotti fil-basket (l-oġġetti li fuqhom tiġi kkalkulata l-inflazzjoni), din ser tirrifletti ruħha b'żieda fil-kumpens għal għoli tal-ħajja, anzi pjuttost jaf tkun bil-kontra.

Jista' jkun li waħda mis-soluzzjonijiet tkun li nnaqsu ċertu prodotti sabiex iż-żieda tkun iktar realistika, imma imbagħad nistaqsi liema mill-prodotti fil-*basket* ħa tnaqqas? Jista' jkun li dan il-prodott għalik importanti u għal ħaddieħor le. Insaqsi, għandhom ċertu prodotti jiġu amalgamati fi prodott wieħed, ez "il-cocoa, cafe u t-té", u b'hekk tkun qed tnaqqas il-prodotti mill-basket?

Nemmen li waħda mis-soluzzjonijiet, li hi tanġibbli hi li mmexxu *goal post*, fejn flok il-mekkaniżmu tal-*Cola* jinħadem fuq il-paga bażika, jibda jinħadem fuq l-*'average wage'* (fejn jittieħed *average* tal-pagi tal-ħaddiema kollha f'Malta). Nemmnu li b'din ir-riforma u skond il-kalkoli tagħna l-ħaddiem fl-aħħar baġit kien jispiċċa jieħu d-doppju ta' 1.16 Euro.

***X'qed isir fil-preżent biex issir ir-riforma?***

Fil-preżent nħatar kumitat, tnejn mit-Trejdjujins u tnejn minn Min Iħaddem fejn qed jiddiskutu flimkien is-sitwazzjoni. L-idea li l-*Cola* tintrabat mal-produttività m'għadhomx jitkellmu dwarha l-għaqdiet ta' Min Iħaddem, għax irrikonoxxew li din ma tagħmilx sens u hija perikoluża.

Rigward il-Pensjonanti sa llum il-Gvern qed jagħtiha kollha ż-żieda tal-*Cola*. Nsaqsu għandu jinħadem *household budgetary survey* ieħor għall-pensjonant, meta lkoll nafu li l-ħtiġijiet u l-bżonnijiet ta' min hu pensjonant huma differenti minn ta' ħaddiem?

Michael Parnis jagħlaq billi jgħid li l-COLA hi mportanti għax tagħti serħan il-moħħ lill-ħaddiem li fil-bidu ta' kull sena ser jieħu żieda fil-paga tiegħu; għandek anqas inkwiet industrijali; u tagħti ċans lill-kumpanija tippjana l-quddiem fil-kontijiet u l-produzzjoni tagħha.

Punti negattivi huma; li fil-preżent il-lasti ta' kif tinħadem il-COLA huma dojoq u minħabba f'hekk iż-żieda qed tkun ftit li lanqas tirrifletti parti miż-żieda reali fl-għoli tal-ħajja, kif ukoll il-fatt li l-*Cola* qed tinħadem fuq is-sena ta' qabel din wkoll mhiex qed tirrifletti ż-żieda reali fl-għoli tal-ħajja.

Minn banda l-oħra Unjins oħrajn, u li aħna naqblu magħhom, qegħdin jissuġġerixxu li l-inflazzjoni tibda tinħadem bejn 1 ta' Jannar u 31 ta' Diċembru ta' kull sena.



# Iċ-Ċensura titlef

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tapprezza d-deċizjoni tal-Qorti li rrikonoxxiet id-dritt tal-libertà tal-espressjoni ta' ideat permezz ta' xogħol letterarju u lliberat lil Alex Vella Gera, l-awtur tal-artiklu "Li Tkisser Sewwi" u Mark Camilleri, l-editur tal-gazzetta tal-istudenti 'Ir-Realtà' (ritratt fuq) minn akkużi kriminali.

Ninsabu, iżda, nkwetati li l-Avukat Ġenerali ħass li għandu jappella kontra din id-deċiżjoni.

Konna nappprezzaw ukoll kieku r-Rettur ta' l-Universitá, Juanito Camilleri, jagħmel apoloġija pubblika fil-konfont taż-żewġ persuni, fejn kulħadd jaf li l-proċess ġudizzjarju li għaddew minnu kien wieħed li seta' jwassal għal sentenza ta' ħabs.

Żminijietna – Leħen ix-Xellug tifhem wkoll li dritt ta' l-espressjoni politika f'Malta mhiex qed titħalla tiġi eserċitata b'mod ħieles fix-xandir, fejn stazzjonijiet tal-Komunitá mhumiex permessi bil-liġi li jxandru taħdidiet fuq temi politiċi.

"Dana għalina hu diskriminazzjoni u theddid għall-libertá ta' l-espressjoni u jqiegħed fi żvantaġġ lil dawk l-għaqdiet u partiti politiċi żgħar, li jixtiequ jużaw dawn il-mezzi biex jwasslu l-messaġġ tagħhom, u ma jgawdux minn appoġġ finarzjarju jew kummerċjali".

Żminijietna tappella l-awtoritajiet biex il-klassifikazzjoni ta' tip ta' stazzjon, huwiex stazzjon tal-komunita jew stazzjon nazzjonali, ma jimpedixxix l-espressjoni politika milli tiġi espressa liberament fuqhom. Il-liġi li tirregola x-xandir politiku li hija kkontrollata mill-Awtoritá ta' Xandir, li hija wirt tal-passat kolonjali Ingliż, għandha tiġi mibdula sabiex tissodisfa il-bżonnijiet ta' llum.

Nixxu ħajr lil kull min, partiti, għaqdiet u ndividwi, mmilitaw u ħadmu biex titkisser l-eġemonija reliġjuża fuq x'għandna naqraw u niktbu.

### Esperjenza fost iz-Zapatisti ta' Chiapas fil-Messiku

# Meta l-poplu indiġenu tal-Messiku qam għad-drittijiet tiegħu

Mark Montebello qatta' żmien fil-Messiku fejn żar il-provinċja ta' Chiapas, magħrufa għall-fenomenu politiku taz-Zapatisti. Mark Montebello tkellem ma' Żminijietna dwar l-esperjenzi tiegħu fost dan il-poplu u dwar Sub Comandante Marcos, is-simbolu tal-Moviment Rivoluzzjonarju Zapatista



**Int kont il-Messiku. Naħseb li kellek iċ-ċans tiltaqa' jew tisma' dwar l-Istat ta' Chiapas. Il-poplu ta' Chiapas min hu u x'kultura jħaddan?**

*L-Istat ta' Chiapas jinsab fin-nofsinhar tal-Messiku. Fih u fi Stati oħrajn qribu jgħix il-poplu indiġenu Maja. Huwa poplu ħaj, mimli tradizzjonijiet u bi tmexxija, kultura u lsien tiegħu. Ġeografikament, Chiapas huma kollu muntanji, għoljiet, irdumijiet, widien u foresti. Il-ġmiel tiegħu! Il-Maja għandhom kultura li tmur lura ħafna sekli. Kienu laħqu l-era tad-deheb tagħhom madwar it-8 seklu WK. Illum jeżistu madwar disa' miljun Maja, mhux biss fil-Messiku, imma wkoll fil-Gwatemala u Belize*

**Fl-1994 il-grupp rivoluzzjonarju Xellugi EZLN immexxi minn Sub Comandante Marcos iddikjara gwerra kontra l-Istat ta' Messiku sabiex l-Indiġeni ta' Chiapas jieħdu kontroll ta' arthom li l-maġġor parti kienet f'idejn il-multinazzjonali. Huma jgħidu li dan l-attakk seħħ sabiex l-għajta għall-ġustizzja tal-poplu ta' 'Chiapas' jiġu mismugħa. Kif tħares lejn dan l-avvent u taħseb li wassal għal xi ħaga?**

*Il-'gwerra', jew aħjar ir-rivolta, ma kinetx għall-kisba ta' ħakma politika. Kienet għar-rikonoxximent uman tal-poplu Maja f'Chiapas. Minkejja li kien hemm il-partit liberali fil-gvern, dawn ma kinux jitqiesu bħala nies li jistħoqqilhom xi dinjità jew rispett. Minn hawn ġie l-isfruttament, il-faqar u l-qerda tagħhom.*

*Għaldaqstant, il-Maja – li mhumiex poplu vjolenti jew aggressiv – issielet għad-dinjità u għar-rispett uman. Naturalment, issielet ukoll għall-għajxien u għall-kisba tad-drittijiet politiċi u soċjali tiegħu taħt il-kostituzzjoni Messikana u l-liġi internazzjonali.*

**Dana Marcos min hu? Taħseb lin-nies u l-awtoritajiet tal-Messiku jafu min hu dan Sub Comandante Marcos?**

*Is-Sub Comandante Marcos dejjem deher b'wiċċu mgħammad* ***(ritratt xellug)****. Ħadd ma jaf min kien tabilħaqq, lanqas il-poplu Maja li segwih fir-rivolta. L-isem stess, 'Marcos', mhuwiex l-isem personali tas-Sub Comandante. Huwa akronimu (jew qsur) għal "Movimiento Armado Revolucionario Conducido (por) Obispo Samuel", jiġifieri Moviment Armat Revoluzzjonarju Mmexxi mill-Isqof Samuel. Dan l-isqof Kattoliku, Samuel Ruiz Garcia (li miet f'Jannar li għadda; 2011), mill-1959 'il quddiem nebbaħ lill-Maja, kif ukoll lis-Sub Comandante Marcos u z-Zapatisti, sabiex jissieltu għad-dinjità u r-rispett.*

**X'inhu l-iskop tal-moviment Zapatista u min jiffurmah? U taħseb li huwa faċli li tiltaqa' magħhom il-membri ta' dan il-moviment Zapatista?**

*Il-Moviment Zapatista huwa d-driegħ armat tal-moviment tal-Maja għall-emanċipazzjoni soċjali u politika. Inħoloq fi żmien ta' disperazzjoni meta l-isfruttament u t-theddida tal-qerda tal-Maja mill-gvern (liberali) Messikan u sħabu l-multinazzjonali kienu għoddhom irnexxielhom ixejnu għal kollox lill-Maja u l-għamla ta' ħajja tagħhom.*

*Għalkemm il-membri tal-moviment Zapatista huma sigrieti, il-poplu Maja kollu jaf min huma. Jekk wieħed ikollu nies li jintroduċuh sew fost il-poplu (bħala fortunatament kelli jien), ma huwa diffiċli xejn tiltaqa' maz-Zapatisti u titkellem magħhom. Jiena sibt li l-viżjoni politika, soċjali u ekonomika tagħhom hija dejjem interessanti biex tistħarriġha u tiddiskutiha.*

**X'inhu, taħseb, l-iskop li jgħattu wiċċhom, parti mill-kultura jew għodda biex ma' jikxfux l-identitá tagħhom minħabba l-għadu?**

*Iz-Zapatisti jgħattu wiċċhom biss meta jkun hemm il-preżenza tal-midja. Is-segretezza tagħhom mhijiex għal fost nieshom u l-poplu tagħhom stess. Imma għal nies li huma barranin għall-poplu Maja. Dan ma jagħmluhx bi ksuħat jew biex ibezzgħu. Jagħmluh biss minħabba r-ritraljazzjoni u l-vendikazzjoni tal-gvern, li dejjem ifittex li jsir jaf min huma sabiex jarrestahom, jakkużahom u jitfahom il-ħabs. Xi kultant, meta l-identità ta' xi Zapatista (raġel jew mara) ġiet mikxufa lill-gvern, dan saħansitra qatilhom jew sempliċiment sparixxihom.*

**In-nies f'Chiapas kif iħarsu lejn dan il-Moviment u Sub Comandante Marcos?**

*Illum, li għaddew aktar minn 17-il sena mir-rivolta Zapatista, il-moviment Zapatista tilef ħafna mill-forza li kellu fil-bidu. F'dan iż-żmien, inbidlu ħafna affarijiet: l-Isqof Samuel miet, l-isqof li kien id-driegħ lemini tiegħu (Don Raul Vera) tneħħa mill-Vatikan u ntbagħat 'il bogħod (f'Saltillo, fil-grigal tal-pajjiż), il-gvern żviluppa l-infrastruttura ta' Chiapas u ħalla preżenza qawwija militari fl-Istat, il-proċessi ekonomiċi nbidlu ... Dawn l-affarijiet kollha dgħajfu l-moviment Zapatista.*

*Illum, għall-anqas f'Chiapas, iz-Zapatiżmu aktar għandu dehra romantika milli xi effettività konkreta. Però, dan ma jfissirx li z-Zapatisti (jew gruppi oħrajn mhux-militari li ħadu l-istess isem) ma jagħmlux ħafna ġid, kemm f'Chiapas u fil-Messiku, kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tal-pajjiż, kemm fl-Amerika Latina u anki fl-Istati Uniti tal-Amerika fejn hemm preżenza qawwija Messikana.*

**Taħseb li kien pass għaqli l-ftehim li għamel il-Moviment Zapatista fejn dan il-ftehim speċifika l-artijiet taħt il-kontroll tagħhom?**

*Ir-riżultat tat-trattattivi ta' paċi li z-Zapatisti waslu għalih mal-gvern wara r-rivolta tal-1994 tat lill-moviment kontrol fuq biċċiet relattivament żgħar ta' art. Dan il-kontroll mhuwiex sostenut finanzjarjament mill-gvern. Fl-istess ħin, il-gvern ifixkel liz-Zapatisti milli jinnegozjaw wisq ħalli jagħmlu xi qliegħ. Għaldaqstant, il-finanzji taz-Zapatisti f'Chiapas huma miżeri ħafna. Tant, li lanqas jistgħu jħallsu għall-ħtiġijiet bażiċi tan-nies fi ħdan il-komunitajiet ikkontrollati minnhom, bħall-edukazzjoni, infrastruttura u l-bqija.*

*Minkejja dan, xi wħud dejjem jippreferu liz-Zapatisti milli lill-gvern. Għall-anqas jafu fejn qegħdin magħhom. Mal-ġvern ma jafu qatt. Din il-protezzjoni relattiva hija msaħħa mir-rieda tan-nies li, għal prinċipju, lesti jbatu l-konsegwenzi. Jirraġunaw li l-aqwa hu li huma liberi.*

**Kienet ġriet l-aħbar li suldati Amerikani ppruvaw jinterċettaw fejn hu Marcos sabiex jarrestawh jew joqtluh. Fil-fatt għamel żmien qisu ma nstemax bih. Iżda 2009 ħareġ stqarrija jikkundanna lill-Istat ta' Iżrael għall-okkupazzjoni tal-Palestina, fejn qabbel il-kawża Palestinjana ma' dik ta' chiapas.**

*In-Nord Amerikani minn dejjem indaħlu fil-politika u l-affarijiet interni tal-Messiku. U għadhom jagħmluh sallum. Fir-rivolta Zapatista għamlu l-istess. Kien hemm mument meta saħansitra qalu li qabdu lis-Sub Comandante Marcos u taparsi wrew kif kien wiċċu u li kien mejjet. Imma dan kien biss propaganda.*

*Għalkemm Marcos jidher li għadu ħaj u attiv, mhuwiex tant viżibbli bħal qabel. Dan jidher li hu dovut minħabba l-bidla fin-natura politika taz-Zapatisti (li minn moviment vjolenti u militari għaddew biex ikunu moviment edukattiv u soċjali).*

**Tul iż-żmien li qattajt il-Messiku, smajt b'aħbaru fejn qiegħed jew jekk għadux jiġi mfittex?**

*Ħadd ma jaf Marcos fejn qiegħed. Iddevertejt ruħi meta xi wħud, minħabba li jisimni Marcos ukoll u kont qrib tal-Isqof Raul Vera u ta' oħrajn li ssieltu fuq in-naħa taz-Zapatisti, staqsewni kontx jien is-Sub Comandante! Jgħidu li xi darba il-veru Marcos għad jitfaċċa u jerġa' jaqbad il-ħidma li fl-1994 ħalla nofs leħja. Min jaf?*



# Il-PK Malti f'ħidma favur il-poplu Palestinjan

Il-Partit Komunista Malti attenda għal-laqgħa Internazzjonali organizzata mill-AKEL ta' Ċipru dwar il-problema Palestinjana u r-rivoluzzjonijiet li qed iseħħu fil-Pajjiżi Għarab. Il-Konferenza ġiet organizzata fi 25-26 ta' Frar f'Nicosia, Ċipru bil-parteċipazzjoni ta' Partiti Komunisti, Xellugin u tal-Ħaddiema, flimkien ma' l-movimenti ta' liberazzjoni Palestinjani.

It-Tema tal-Konferenza kienet "Il-Problema Palestinjana u s-solidarjetá tax-Xellug għall-ġlieda ta' dan il-poplu Erojku" kif ukoll il-problemi li għaddejjin minnhom il-popli Għarab fil-pajjiżi ta' l-Afrika ta' fuq u fil-Lvant Nofsani. Matul il-Konferenza ġejna mistiedna fil-Palazz Presidenzjali u kellna laqgħa mall-President ta' Ċipru, Demitris Christofias fejn ta' nformazzjoni dwar il-kwistjoni Ċiprijotta.

Fil-jumejn tal-Konferenza spikkat il-problema Palestinjana. Tqajjmu diversi punti kardinali fejn bosta kelliema nkluż dawk ġejjien mir-reġjun tal-Lvant Nofsani, jiġifieri l-Libanu, il-Ġordan u kif ukoll is-Sirja qablu li l-istat ta' l-Iżrael għandu josserva r-riżoluzzjonijiet tal-Ġnus Maqgħuda u jtemm l-okkupazzjoni 'illegali' ta' l-artijiet Palestinjani kemm fix-Xatt tal-Punent, kif ukoll ġewwa Gaża.

Il-Konferenza kkundannat ir-reati mwettqa kontinwament fuq l-poplu Palestinjan mill-Istat Żionista ta' l-Iżrael . Fid-Dokument finali issemmew l-fatti li t-taħdidiet bejn l-Istat Palestinjan u l-Iżrael huma mblokkati kompletament, minħabba l-politika intransiġenti ta' Iżrael, bil-għan li jipperpetwaw l-okkupazzjoni u jeqirdu kull possibbiltà għall-ħolqien ta' Stat Palestinjan, Sovran u Indipendenti.

Il-politika aggressiva u ntransiġenti Iżraeljana, hija appoġġjata u ttollerata mill-Istati Uniti, bil-kompliċità ta' l-Unjoni Ewropea', partikolarment minn numru ta' stati Membri li liberament jappoġġjaw lill-Iżrael.

Wara 44 sena ta' okkupazzjoni Iżraeljana, mix-Xatt tal-Punent, sa Lvant ta' Ġerusalemm u l-Medda ta' Gaża, l-Iżrael baqa' sa llum jikser il-liġi Internazzjonali tal-Ġnus Magħquda, u baqa' għaddej bil-politika ta' aktar bini Iżraelit fl-artijiet okkupati fil-Palestina.

L-ikkolonjalizzar ta' Ġerusalemm tal-Lvant u x-Xatt tal-Punent, bl-iżgumbrar u tiġrif tad-djar, serq ta' l-art, ilma u riżorsi oħra tal-Palestina, mhuma xejn ħlief politika ta' *tindif etniku.*

Sentejn wara l-gwerra mwettqa mill-Iżrael fuq Gaża f'Diċembru ta' l-2008, l-ammont ta' nies mejta laħħaq 1,350 persuna. Eluf oħra ta' ċittadini nnoċenti li kienu jinkludu xjuħ, nisa u tfal, spiċċaw imweġġa serjament, djar tfarrku u l-infrastruttura għadha tinsab f'rovina. F'kelma waħda it-traġedja u l-inġustizzja umana għadha hemm. Ir-Residenti ta' Gaża għadhom ibatu min-nuqqas ta' servizzi u affarijiet bażiċi. L-attakk Iżraelit fuq Gaża ma kien xejn għajr ħlief aggressjoni kontra l-poplu Palestinjan kollu.

Il-Konferenza trattat ukoll l-avvenimenti li qegħdin iseħħu fid-dinja Għarbija kemm fl-Afrika ta' Fuq, kif ukoll fil-Lvant Nofsani. Id-Delegati fil-Konferenza espremew ruħhom unanimament favur Solidarjetá għall-qawmien popolari tal-popli kollha fil-pajjiżi Għarab fejn għaddejjin fil-ġlieda għall-libertá politika u titjib fil-kwalitá tal-għixien, għal aktar impjiegi, drittijiet soċjali u kundizzjonijiet tax-xogħol tajba, kif ukoll taw ħajr lill-Martri kollha li mietu f'dawn l-irvellijiet popolari.

Il-Konferenza tikkunsidra *l-Qawmien Popolari* tal-poplu Tuneżin u Eġizzjan bħala affermazzjoni li huwa possibli għall-popli ta' dan ir-reġjun, li tinkiseb il-bidla min reġimi dittatorjali pro-Imperjalisti, li kienu responsabbli għat-tbatijiet, l-oppressjoni u l-isfruttament soċjali. Ir-reġimi sabu l-appoġġ tal-Fond Monetarju Internazzjonal u l-Bank Dinji għat-tberbiq ta' Fondi Pubbliċi.

Il-Konferenza irriaffermat is-Solidarjetá tagħha mal-forzi Revoluzzjonarji progressivi li għal għexieren ta' snin irreżistew l-oppressjoni minn reġimi li kellhom l-appoġġ sħiħ ta' l-Istati Uniti u UE.

Illum il-moviment revoluzzjonarju qed jwessa' l-ġlieda popolari u jekk l-aspirazzjonijiet leġittimi tagħhom jitwettqu, iwasslu għal avvanz soċjali sinjifikanti f'diversi pajjiżi fid-dinja Għarbija u fil-Lvant Nofsani, u jagħtu telfa lill-istrateġija imperjalista f'dawn ir-regjuni, specjalment lill-proġett magħruf bħala "The New Middle East Project".

# Suċċessi għall-Ħodor u x-Xellug fl-Ewropa

Il-Partit tal-Ħodor kiseb riżultat storiku fil-Ġermanja meta kaxkar lill-Partit Lemini fil-Gvern fl-Istat Ġermaniz ta' Baden Wuertemberg fejn għadda anke lill-Partit Soċjal Demokratiku SPD għall-ewwel darba.

F'dan l-Istat il-partit lemini CDU tal-President Ankela Merkel ilu jmexxi l-Gvern għal 58 sena , imma issa ser jkollhom Gvern tal-Ħodor f'koalizjoni ma' Soċjal Demokratiċi li ġabu 23.1%.

Il-Ħodor ġabu 24.2% tal-voti fi Stat ta' Baden Wuertemberg, id-doppju ta' kemm kellhom fi 2006 u 5% aktar fi Stat ta' Rheinland-Palatinate. Dan juri s-suċċess li qed jiksbu il-Ħodor speċjalment meta qed jmexxu politika vera ħadra kontra Nukleari. Għall-ewwel darba fl-Istorja tal-Ġermanja ser jkun hemm Prim Ministru tal-Ħodor f'wieħed mill-Istati (lande) tal-Ġermanja. Huwa mistenni li l-Prim Ministru jkun Winfried Kretschmann.

Fl-Elezzjonijiet ta' Saxony –Anhalt CDU tilef 3% tal-voti, ix-Xellug Die Linke żamm 22.8%, SPD żammew 21.5% u Ħodor irduppjaw l-appoġġ u kisbu 7% tal-voti.

Is-Soċjalisti ta' Franza għamlu rebħiet kbar fl-elezzjonijiet lokali fi Franza, msejħa l-elezzjonijiet kantonali. Ix-xellug f'dawn l-elezzjonijiet ġab mat-36 fil-mija tal-voti, kważi d-doppju li ġab il-partit tal-President Nicolas Sarkozy. Dan l-elezzjonijiet huma l-aħħar test ta' l-opinjoni pubblika qabel l-elezzjoni presidenzjali tas-sena d-dieħla.

Fl-Irlanda wkoll saret l-elezzjoni. Għalkemm il-Partit Fine Gael kiseb 76 siġġu, ma ġabx il-maġġoranza u kellu jagħmel koalizzjoni mal-Partit Laburista li żied is-siġġijiet minn 20 għal 37. F'din l-elezzjoni daħlu għall-ewwel darba l-Alleanza tax-Xellug Magħqud li rebħet ħames siġġijiet.



*Winfried Kretschmann li mistenni jkun l-ewwel Prim Ministru tal-Ħodor fi stat Ġermaniż*